Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 220/2019: **GO P.L.C. (C22334) V. GLOTEANU IULIAN (IDZL17535ROM)** U B'DIGRIET TAT-8 TA' OTTUBRU 2020 IL-QORTI NNOMINAT LIL DR. CHARMAINE CHERRETT BĦALA KURATUR DEPUTATSABIEX TIRRAPPREŻENTA LILL-ASSENTI GLOTEANU IULIAN

(AMMONT DOVUT)

MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**28 ta' Ġunju 2021**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' GO p.l.c. ("il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") intavolat fid-9 ta' Ottubru 2019,

wara li rat illi b'digriet tat-8 ta' Ottubru 2019[1] il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti għall-ħatra ta' kuraturi deputati u nnominat lil Dr. Charmaine Cherrett ("il-Kuratur Deputat") sabiex sabiex tirrappreżenta lill-assenti Gloteanu Iulian ("l-intimat" jew "l-intimat assenti")[2],

wara li rat ir-risposta tal-istess Kuratur Deputat tad-29 ta' Jannar 2021[3],

wara li rat l-affidavit maħluf imressaq mir-rikorrenti ippreżentat fil-15 ta' April 2021[4],

---

[1] Fol 12
[2] Fol 24
[3] Fol 59
[4] Fol 65

wara li rat in-nota tal-Kuratur Deputat tal-14 ta' Mejju 2021[5],

wara li rat li fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2021 il-kawża tħalliet għas-sentenza[6],

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kawża,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-kumpanija rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimat iħallasha s-somma ta' ħames t'elef erba' mija u seba' euro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€5,407.53) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru 40791452. Talbet ukoll l-ispejjeż, kompriżi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll u l-imgħaxijiet legali, kontra l-intimat li ġie nġunt għas-subizzjoni.

2. Wara diversi tentattivi ta' notifika li ma' ħallux il-frott, ir-rikorrenti talbet il-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-intimat assenti u l-Qorti sussegwentement permezz tad-digriet tagħha tat-8 ta' Ottubru 2019 innominat lill-Avukat Dr. Charmaine Cherrett għal dan il-għan.

3. Il-Kuratur Deputat fir-risposta tagħha għall-intimat assenti ressqet is-solitu eċċezzjonijiet ġeneriċi fis-sens illi hija ma' kienx edotta mill-fatti u għalhekk kienet qed jirriserva li tippreżenta risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielha tikkomunika mal-intimat. Sussegwentement permezz ta' nota ippreżentata fl-14 ta' Mejju 2021 il-Kuratur Deputat iddikjarat illi hija ma' setatx tagħmel kuntatt mal-intimat minkejja li anke bgħatitlu korrispondenza bil-miktub u ddikjarat ukoll illi ma' kienetx ser tagħmel kontroeżami tax-xhud li tressqet in eżami mill-kumpanija rikorrenti.

### Provi tar-rikorrenti

4. Ix-xhud li tressqet mill-kumpanija rikorrenti xehdet bil-mezz ta' affidavit ippreżentat fil-15 ta' April 2021. F'dan l-affidavit **<u>Beverly Xerxen,</u>** *Manager* fil-*Credit Control Department* tal-kumpanija rikorrenti, ddikjarat bil-ġurament tagħha illi fir-rigward tal-kont bin-numru 40791452 l-ammont

[5] Fol 70
[6] Fol 72

dovut jammonta għal ħames t'elef erba' mija u seba’ euro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€5,407.53). Hija spjegat illi dan l-ammont jinkludi fih l-ammont ta’ € 190.83 bħala penali applikabbli in konnessjoni mat-terminazzjoni antiċipata tal-kuntratt. Ikkonfermat ukoll illi l-ammont huwa dovut mll-intimat assenti u dan kif jidher mid-dokumenti immarkati bħala Dok A u B2 annessi mar-rikors promotur. Finalment hija ddikjarat illi kienet qed tixhed fuq fatti li taf bihom personalment wara Ii vverifikat ma' l-informazzjoni fil-pussess tal-kumpanija rikorrenti.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

5. Mid-dokumenti dettaljati u provi prodotti in sostenn tat-talba jirriżulta illi dak mitlub mir-rikorrenti ġie pjenament ippruvat għas-sodisfazzjoni tal-Qorti.

**Deċiżjoni**

6. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi mill-kawża billi tilqa’ t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti b’dan illi:**
    1. **tiddikjara illi l-intimat assenti huwa debitur tal-kumpanija rikorrenti fis-somma komplessiva ta' ħames t'elef erba' mija u seba’ euro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€5,407.53) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru 40791452,**
    2. **tikkundanna lill-intimat assenti iħallas din is-somma lill-kumpanija rikorrenti flimkien mal-imgħaxijiet legali,**
    3. **tikkundanna lill-intimat assenti iħallas ukoll l-ispejjeż ta’ din il-kawża.**

    **Tordna ukoll l-ħlas tad-drittijiet tal-Kuratur Deputat skond il-liġi.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur